DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR192243** **21.10.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Konferenza Nazzjonali dwar l-Artrite tinżamm fil-Parlament***

Dalgħodu, il-Parlament ospita l-Konferenza Nazzjonali dwar l-Artrite 2019 fil-Kamra tad-Deputati, attività mtellgħa flimkien mal-Assoċjazzjoni Maltija dwar l-Artrite u Rewmatiżmu (ARAM).

Fid-diskors tal-ftuħ mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia, spjega li meta l-Parlament jagħżel li jospita attivitajiet bħal din il-konferenza, jservi sabiex il-membri parlamentari jkunu dejjem aktar konxji tal-bżonnijiet u x-xewqat ta' kull sezzjoni tal-popolazzjoni, sabiex meta dawn jiġu biex ifasslu l-politika u jilleġiżlaw sabiex jimplimentaw din il-politika, ikunu ħadu inkonsiderazzjoni vuċijiet li forsi mhux dejjem ikollhom l-opportunità li jinstemgħu.

Huwa qal li, għalkemm mhux ibbażat fuq statistika uffiċjali, huwa stmat li f'Malta hawn madwar 60,000 persuna milquta mill-kundizzjoni medika tal-artrite u r-rewmatiżmu, li, minkejja li l-maġġor parti tagħhom huma nies anzjani, jeżisti wkoll għadd notevoli ta' persuni pjuttost żgħar fl-età li huma wkoll qed ibatu mill-effetti iebsa tal-artrite u r-rewmatiżmu. Huwa rrefera wkoll għall-kampanja tal-2019 tal-European League Against Rheumatism; 'DON'T DELAY CONNECT TODAY – TIME2WORK', li tenfasizza l-bżonn li min iħaddem jagħti appoġġ lill-impjegati li qegħdin jiġġieldu kundizzjonijiet rewmatiċi u muskoloskeletali, għaliex bil-kura neċessarja u ftit għajnuna dawn l-impjegati għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu b'mod sħiħ fid-dinja tax-xogħol.

Huwa għalaq id-diskors tiegħu billi rringrazzja lill-Assoċjazzjoni Maltija dwar l-Artrite u Rewmatiżmu għall-ħidma tagħha favur dawk il-persuni f'Malta li jbatu minn dawn il-kundizzjonijiet, hekk kif isservi ta' punt ta' referenza għal aktar informazzjoni u qsim ta' esperjenzi ma' persuni oħra li jinstabu fl-istess sitwazzjoni.

F'din il-konferenza ħadu sehem numru ta' persuni milquta minn kundizzjonijiet rewmatiċi u muskoloskeletali, il-korpi kostitwiti li jirrappreżentaw kemm lin-negozjanti u min iħaddem, għaqdiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-ħaddiema, il-Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, kif ukoll Dieter Wiek, Viċi President tal-European League Against Rheumatism (EULAR).

Il-Membri Parlamentari Maria Deguara, Stephen Spiteri u Silvio Grixti indirizzaw il-parteċipanti ta' din il-konferenza. Il-Membri Parlamentari Ewropej Maltin Alex Agius Saliba, Miriam Dalli, Roberta Metsola u Alfred Sant indirizzaw lill-parteċipanti permezz ta' messaġġi rekordjati.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt** **www.doi.gov.mt**